MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 15/2005/1

**Fogg Insurance Agencies Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited**

**v.**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li b'digriet
tal-5 ta' Lulju 2005 gew nominati kuraturi deputati sabiex
jirraprezentaw lill-minuri Gilbert u Warren ahwa Busuttil,
Paula Gabriel u Josephine Gabriel ilkoll fil-kwalita` taghhom**

**ta' eredi tal-mejjet Joseph Gabriel, u l-istess Josephine Gabriel f'isimha proprju u Jean Pierre Farrugia;**
**u b'digriet tal-20 ta' April 2007**
**il-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u tal-Motor Insurer's Bureau gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza** ***in statu et terminis***

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Jannar, 2005 mis-socjeta` attrici li taqra hekk:
"Peress illi fit-3 ta' Marzu 2002 għall-ħabta tal-4.45 p.m. waqt illi l-konvenut Jean Pierre Farrugia kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU 317, allegatament di proprjeta' tal-konvenuta Josephine Gabriel *proprio*, huwa kien involut f'inċident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 392 misjuqa minn Clive Ellul *sive* Ellul Hawthorn;

"Peress illi f'dan l-inċident tilef ħajtu Joseph Gabriel, illi kien passiġġier fil-vettura misjuqa mill-konvenut Jean Pierre Farrugia;

"Peress illi fiż-żmien tal-inċident *de quo*, il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAU 317 kienet assigurata mas-soċjeta' attriċi mill-konvenuta Josephine Gabriel *proprio*, abbażi ta' polza ta' assigurazzjonili kopja tagħha hi hawn annessa u esebita u mmarkara bħala Dok. A, bir-restrizzjoni illi din kellha tiġi misjuqa biss u esklussivament mid-*decuius* Joseph Gabriel, u dan skond ma jidher miċ-Ċertifikat ta' Assigurazzjoni u l-iskedi relattivi (konsistenti kumulattivament f'erba' [4] faċċati) li kopja tagħhom hi hawn annessa u esebita u mmarkata bħala Dok. B;

"Peress illi jirriżulta ulterjorment illi l-konvenut Jean Pierre Farrugia kien xurban fil-mument illi kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAU 317, u dan bi piena konoxxenza tad-*decuius* Joseph Gabriel, kif jista' jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

"Peress illi kif irriżulta mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija, il-vettura in kwistjoni bin-numru ta' reġistrazzjoni IAU 317 fil-fatt kienet issejjaħ bħala proprjetarju lil ċertu Adel Aroub

ta' 173, Flat 2, Triq Rudolph, Sliema, skond ma ġie konfermat fir-rapport tal-pulizija li kopja tiegħu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bħala Dok. C, u kwindi l-istess vettura lanqas biss kienet proprjeta' tal-konvenuta Josephine Gabriel *proprio* kif din ipprezentat lis-soċjeta' attriċi, u dan bi ksur tal-prinċipju ta' *uberrimae fidae* u tal-kundizzjonijiet espressi tal-polza ta' assikurazzjoni, kif jista' jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

"Peress illi jirriżulta għalhekk illi l-konvenuti Josephine Gabriel *proprio* u Jean Pierre Farrugia, flimkien mad-*decuius* Joseph Gabriel illi tiegħu l-konvenuti l-oħra kollha, u l-istess Josephine Gabriel, huma apparentement l-eredi, kisru diversi kundizzjonijiet tal-polza relattiva;

"Peress illi l-inċident hawn imsemmi wassal għal proċeduri ġudizzjarji pendenti fl-ismijiet "Josephine Gabriel, Paula Gabriel u Anthony Busuttil għan-nom tat-tfal tiegħu minorenni Gilbert u Warren u dawn kollha fil-kwalita' tagħhom bħala eredi tal-mejjet Joseph Gabriel vs Jean Pierre Farrugia u Clive Ellul u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2003 interveniet fil-kawża *in statu et terminis* Atlas Insurance Agency Limited u dawn bħala aġenti ta' AXA Insurance plc, kif surrogati bil-Liġi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħhom Gordon James Ellul; u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2004 intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis* Fogg Insurance Agencies Limited bħala aġenti tas-soċjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited" (Cit Nru 1083/2002/JA), fejn l-atturi f'dawn l-imsemmija proċeduri qiegħdin jirreklamaw id-danni minnhom sofferti bħala riżultat tal-mewt tal-imsemmi Joseph Gabriel;

"Peress illi s-soċjeta' attriċi, bħala assikuratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAU 317, misjuqa mill-konvenut odjern Jean Pierre Farrugia, ġiet notifikata b'ittra uffiċjali tal-25 ta' Settembru 2002, li kopja tagħha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bħala Dok. D, fejn hija ġiet formalment edotta mill-proċeduri ġudizzjarji hawn fuq imsemmija, u dan *ai termini* tal-Ordinanza għall-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta);

“Peress illi għalhekk is-soċjeta’ attriċi tista’ tiġi obbligata, *ai termini* tal-imsemmija leġislazzjoni, illi tagħmel tajjeb għad-danni kollha illi jistgħu jiġu likwidati fil-proċeduri hawn fuq imsemmija fl-ismijiet “Josephine Gabriel et vs Jean Pierre Farrugia et” (Cit. Nru. 1083/2002/JA);

“Peress illi għalhekk is-soċjeta’ attriċi għandha nteress u hija intitolata illi tistitwixxi dawn il-proċeduri sabiex il-polza ta’ assigurazzjonili kienet tkopri l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAU 317 tiġi mħassra u annullata, *ai termini* tal-kundizzjonijiet tal-istess polza u skond il-liġi;

“Jgħidu l-konvenuti jew min minnhom għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

“1. Prevja d-dikjarazzjoni illi, *ai termini* tal-Polza ta’ Assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta’ attriċi sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAU 317, din kellha tiġi misjuqa biss u esklussivament mid-*decuius* Joseph Gabriel, tiddikjara illi l-konvenuti Josephine Gabriel *proprio*, Jean Pierre Farrugia u d-*deciuis* Joseph Gabriel kisru l-kundizzjonijiet tal-istess Polza, u dan *stante* illi fil-ħin tal-inċident su-indikat illi seħħ fit-3 ta’ Marzu 2002, l-istess vettura kienet qed tinstaq mill-konvenut Jean Pierre Farrugia.

“2. Prevja d-dikjarazzjoni illi l-konvenut Jean Pierre Farrugia kien xurban fil-mument tal-inċident *de quo* u dan bil-piena konoxxenza tad-*decuius* Joseph Gabriel tiddikjara illi l-istess konvenut Jean Pierre Farrugia u d-*decuius* Joseph Gabriel kisru kundizzjoni ulterjuri tal-Polza ta’ assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta’ attriċi;

“3. Prevja d-dikjarazzjoni illi l-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni IAU 317 kienet effettivament tappartjeni lil Adel Aroub ta’ 173, Flat 2, Triq Rudolph, Sliema, u mhux lill-konvenuta Josephine Gabriel *proprio* kif din ipprezentat ruħha lis-soċjeta’ attriċi, tiddikjara illi l-istess konvenuta Josephine Gabriel *proprio* kisret il-prinċipju ta’ *uberrimae fidae* u l-kundizzjonijiet espressi tal-polza ta’ assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta’ attriċi;

"4. Tħassar u tannulla għalhekk il-Polza ta' Assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' attriċi f'isem il-konvenuta Josephine Gabriel *proprio* sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAU 317;

"5. Tiddikjara wkoll kwindi illi s-soċjeta' attriċi mhix obbligata illi tagħmel tajjeb għal kull eventwali ammont illi jista' jiġi likwidat *in linea* ta' danni fil-proċeduri fl-ismijiet "Josephine Gabriel u Paula Gabriel u Anthony Busuttil għan-nom tat-tfal minuri Gilbert u Warren u dawn fil-kwalita' tagħhom bħala eredi tal-mejjet Joseph Gabriel vs Jean Pierre Farrugia u Clive Ellul u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2003 interveniet fil-kawża *in statu et terminis* Atlas Insurance Agency u dawn bħala aġenti ta' AXA Insurance plc, kif surrogati bil-Liġi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat tagħhom Gordon James Ellul, u b'digriet tal-11 ta' Ġunju 2004 intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis* Fogg Insurance Agencies Limited bħala aġenti tas-soċjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited" (Cit Nru 1083/2002/JA), *ai termini* tal-Ordinanza għall-Assigurazzjoni ta' Vettura tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta);

"6. Tikkundanna għalhekk lill-konvenuti kollha *in solidum* bejniethom sabiex jindennizzaw pienament lis-soċjeta' attriċi għall-ammonti kollha reklamati fil-proċeduri fl-ismijiet "Josephine Gabriel u Paula Gabriel u Anthony Busuttil għan-nom tat-tfal minuri Gilbert u Warren u dawn fil-kwalita' tagħhom bħala eredi tal-mejjet Joseph Gabriel vs Jean Pierre Farrugia u Clive Ellul u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2003 interveniet fil-kawża *in statu et terminis* Atlas Insurance Agency u dawn bħala aġenti ta' AXA Insurance plc, kif surrogati bil-Liġi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat tagħhom Gordon James Ellul, u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2004 intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis* Fogg Insurance Agencies Limited bħala aġenti tas-soċjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited" (Cit Nru 1083/2002/JA), u kwindi jirrimborsaw lill-istess soċjeta' attriċi kull ammont illi din tista' tiġi talvolta kostretta jew ikkundannata illi thallas skond kull Sentenza eventwali mogħtija fl-istess proceduri u / jew skond il-Liġi.

“Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
“Illi fl-ewwel lok in-nullita’ tac-ċitazzjoni *ai termini* tal-artikolu 789 (1) (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan billi ċ-ċitazzjoni attriċi tikser il-prinċipju kardinali *electam una via non datum recursus ad alteram.* Iċ-ċitazzjoni tikkontjeni talbiet kontradittorji b’referenza għar-raba’, il-ħames u s-sitt talbiet. Fir-raba’ u l-ħames talbiet qed tintalab dikjarazzjoni l-polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni hija mħassra u kwindi illi s-soċjeta’ attriċi mhix obbligata tħallas skond l-istess polza u fis-sitt talba qed jintalab bħala konsegwenza illi l-konvenuti jindemnizzaw lis-soċjeta’ attriċi l-ammonti li ser tiġi mġiegħla tħallas a bażi tal-polza. Is-soċjeta’ attriċi trid tiddeċiedi tridx tagħmel azzjoni għar-rixessjoni tal-polza jew inkella għar-rimbors ta’ flus imħallsa skond il-polza valida pero’ mhux it-tnejn f’daqqa.

“Illi preliminarjament ukoll l-intempestivita ta’ l-azzjoni għal dak li jirrigwarda s-sitt talba għaliex ma setax jintalab indemnizz ta’ ammont li huwa mertu ta’ kawża oħra li għadha pendenti.

“Illi l-konvenuti kollha salv Josephine Gabriel m’għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta’ attriċi u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* illi l-polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni jistabbilixxi relazzjoni kuntrattwali bejn is-soċjeta’ attriċi u Josephine Gabriel biss.

“Illi bla preġudizzju u fil-mertu, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda *stante* li ma nkisret l-ebda kundizzjoni tal-polza kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta’ din il-kawża u kwindi l-polza in kwistjoni hija valida.

“Illi bla preġudizzju wkoll is-sitt talba hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* illi ma teżisti l-ebda raġuni għalfejn

il-konvenuti għandhom jirrimborżaw xi ammont lis-soċjeta' attriċi.

"Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi nomine li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u qed jirriservaw d-dritt li jippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri.

"Salv eċċezzjonijiet oħra."

Rat li b'digriet tal-20 ta' April, 2007, il-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u tal-Motor Insurers' Bureau gew awtorizzati jintervjenu in status et terminis;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li l-istess intervenut ressaq li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi għar-rigward tal-ewwel u t-tieni talba attriċi, kwalunkwe dikjarazzjoni ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni mertu ta' din il-kawża tista' tintalab biss fil-konfront ta' min hu parti fuq il-kuntratt ta' assikurazzjoni ċioe' fil-konfront biss ta' Josephine Gabriel f'isimha proprju.

"2. Illi għar-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attriċi, s-soċjeta' attriċi trid iġġib prova tal-allegat ksur fil-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni.

"3. Illi r-raba' talba tas-soċjeta' attriċi, u t-talba konsegwenti għaliha, huma legalment insostenibbli u infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi r-raġunijiet illi fuqhom hija msejsa r-raba' talba attriċi bl-ebda mod ma jwasslu għall-annullament u t-tħassir tal-polza ta' assikurazzjoni.

"4. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju, għar-rigward tat-tielet u r-raba' talba attriċi, in kwantu s-soċjeta' attriċi qiegħda titlob it-tħassir u l-annullament tal-polza ta' assikurazzjoni abbażi ta' ksur tal-prinċipju ta' *uberrimae fidae* da parti tal-konvenuta Josephine Gabriel, din it-talba

hija legalment insostenibbli u għandha tiġi miċħuda *stante* illi ma kien hemm ebda ksur ta' xi prinċipju ta' *uberrimae fidae* u, *inoltre* s-soċjeta' attriċi ma bdietx il-kawża fiż-żmien preskritt mill-Artikolu 10(3) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

"5. Illi l-ħames talba attriċi hija legalment insostenibbli u infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* illi s-soċjeta' attriċi hija obbligata, fir-responsabbilta' tagħha bħala assikuratriċi, li tagħmel tajjeb għal kull eventwali ammont illi jista' jiġi likwidat *in linea* ta' danni lill-*aventi causa* tal-vittma fil-proċeduri *Josephine Gabriel et vs Jean Pierre Farrugia et* (Ċitazzjoni 1083/02) *ai termini* tal-Ordinanza għall-Assikurazzjoni ta' Vettura tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta).

"6. Illi s-sitt talba attriċi tippresupponi, kif ġja' eċċepew l-intervenjenti fil-kawża, illi s-soċjeta' attriċi ma tistax titlob l-annullament u tħassir tal-polza ta' assikurazzjoni u li hija obbligata, fir-responsabbilta' tagħha bħala assikuratrici, li tagħmel tajjeb għal kull eventwali ammont illi jista' jiġi likwidar *in linea* ta' danni lill-*aventi causa* tal-vittma a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

"7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu skond il-liġi.

"Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
"… … … tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, iżda tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intervenut fil-kawża (u tal-konvenuti fejn applikabbli) u tiċħad l-ewwel erba' talbiet attriċi u tillibera lill-konvenuti u intervenuti fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tat-talbiet l-oħra; l-ispejjeż a kariku tas-soċjeta' attriċi iżda dawk tal-intervenut ikunu a kariku tiegħu stess."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi s-soċjeta' attriċi qed jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti fis-sens illi l-istess soċjeta' m'għandhiex tagħmel tajjeb, għar-raġunijiet spjegati fiċ-ċitazzjoni, għad-danni li tista' tiġi soġġetta li tħallas in konnessjoni mal-inċident stradali li fih miet Joseph Gabriel.

"Il-Qorti tħoss li jkun aħjar li qabel xejn tanalizza r-raba' eċċezzjoni tal-intervenut fil-kawża għaliex huwa ċar li jekk din tiġi milqugħa jaqgħu t-talbiet għan-nullita' tal-polza. Din l-eċċezzjoni hija fis-sens li l-azzjoni hija perenta a tenur tal-artikolu 10(3) tal-Kap 104. Dan jgħid illi ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jekk f'kawża mibdija qabel jew fi żmien tlett xhur wara li jinbeda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, hu jkun ħa dikjarazzjoni illi a parti mid-dispożizzjonijiet tal-polza, huwa għandu l-jedd li jannullaha minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarita' sostanzjali, jew jekk ikun annulla l-polza għal dik ir-raġuni, illi kellu jedd li jagħmel hekk apparti mill-kundizzjonijiet tagħha.

"F'dan il-każ il-kawża fl-ismijiet **"Josephine Gabriel vs Jean Pierre Farrugia et"** li fiha appuntu qed jintalab il-ħlas tad-danni mill-eredi tal-mejjet Joseph Gabiel, inbdiet fil-25 ta' Settembru 2002 u permezz ta' ittra uffiċjali tal-istess data s-soċjeta' attriċi ġiet notifikata bil-bidu ta' dawk il-proċeduri skond il-Kap. 104. Għalhekk għandu raġun l-eċċipjenti imsemmi illi l-azzjoni biex tiġi annullata l-polza hija ampjament perenta u kwindi t-tielet u raba' talba attriċi saru *fuori termine* (ara s-sentenza **"Caruana vs Attard"** – Appell deċiż fil-21 ta' Ottubru 1988).

"Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni attriċi hija nulla għaliex tikkontjeni talbiet konfliġġenti, il-Qorti ma taqbilx ma dan. It-talbiet attriċi filwaqt illi huma diversi u jistgħu ikunu sottomessi għal xulxin ma humiex konfliġġenti u l-eċċezzjoni ma hijiex għalhekk fondata.

"Fir-rigward tat-talbiet l-oħra pero' l-Qorti tħoss li filwaqt li l-fatti li taw lok għall-kawżi in kwistjoni jistgħu ikunu validi fir-rigward ta' kuntratt ta' assikurazzjoni ieħor, fil-każ

odjern, il-liġi applikabbli hija l-Kapitolu 104 li appuntu jismu Ordinanza dwar l-assikurazzjoni ta' vetturi bil-mutur għar-riskji ta' terzi persuni u s-soċjeta' attriċi hija naturalment marbuta ma' dan li tgħid din il-liġi. Is-soċjeta' attriċi qed tibbaża t-talbiet tagħha fuq erba' premessi. Dawn huma:

"a. Li Josephine Gabriel ma kienitx proprjetarja tal-vettura in kwistjoni. Jirriżulta *invece* li għalkemm mal-awtoritajiet kompetenti kien għadu reġistrat persuna oħra bħala proprjetarju, hija marret tagħmel l-assikurazzjoni fuqha tlett ijiem qabel l-inċident. Hija qalet meta xehdet illi xtrat il-vettura dakinhar. Il-fatt li kien għadu ma sarx it-trasferiment ma jfissirx li ma kinitx proprjetarja għaliex altrimenti ma kienx jagħmel sens li tmur tassikura l-vettura u dan meta naturalment ma kien hemm ebda indikazzjoni se ssir it-traġedja li ġrat tlett ijiem wara.

"b. Li l-istess Josephine Gabriel naqset li tirreġistra l-*claim* fiż-żmien preskritt għaliex għamlet dan fit-8 ta' Marzu 2002 (L-inċident ġara fit-3 ta' Marzu). Anke hawn l-intervenut għandu raġun għaliex din il-kawżali m'hijiex indikata fiċ-ċitazzjoni għalkemm hemm referenza sostanzjali għaliha fin-nota ta' sottomisjonijiet. Għalhekk il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' din il-kawżali. Barra minn hekk ċertament li dan in-nuqqas ma jiksirx xi prinċipju bażilari tal-kuntratt ta' assikurazzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

"c. Li s-sewwieq Jean Pierre Farrugia ma kienx kopert mill-polza għaliex ma kellux ħamsa u għoxrin sena u kwindi mhux awtorizzat isuq il-vettura. Anke hawn l-artikolu 10 (4) tal-Kap. 104 jgħid illi meta ċertifikat ta' assigurazzjoni jiġi maħruġ taħt l-artikolu 4 (4) lill-persuna li tkun ħadet il-polza, dak li fil-polza jkun qiegħed biex jirrestrinġi l-assigurazzjoni tal-persuna assigurata minn dik il-polza b'referenza għal dawn il-ħwejjeġ li ġejjin … (j) l-eta' ta' min ikun qed isuq il-vettura ... ma għandu ebda effett dwar dawk ir-responsabbiltajiet li għandhom ikunu koperti mill-polza taħt l-artikolu 4(1). Għalhekk kif irriteniet il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fis-sentenza fl-ismijiet "Azzopardi vs Sultana" deċiża fil-15 ta' April 2008

kwalsiasi restrizzjoni ma jista' kollha ebda effett fil-konfront ta' terza persuna li tkun weġġgħet fl-inċident.

a. Li l-istess sewwieq Farrugia kien xurban. Anke hawn japplika l-istess artikolu 12 (1) li jinkludi wkoll taħt is-sub inċiż (a) il-kondizzjoni tal-persuna li ssuq il-vettura. Il-kundizzjoni tas-sokor żgur hija maħsuba li tkun inkluża fil-kundizzjoni tal-persuna in kwistjoni.

"Il-Qorti tagħti ukoll raġun lill-intervenut fil-kawża fis-sens li l-prinċipju volenti *non fit iniuria* m'għandu ebda rilevanza fil-każ odjern iżda *semmai* fil-kawża għad-danni li qed jagħmlu l-eredi tal-mejjet. Il-Qorti trid teżamina dan il-fatt f'dik il-kawża u mhux fir-relazzjoni ġuridika bejn l-assikurazzjoni u d-danneġjat.

"Fir-rigward imbagħad tal-aħħar żewġ talbiet il-Qorti tagħmel riferenza għal dak illi ġie kwotat fis-sentenza **"Fogg Insurance Agencies Limited vs Simon Tabone"** (28 ta' April 2004) u ċioe' illi l-interess merament ipotetiku m'huwiex aċċettabbli inkwantu m'humiex ammissibbli rikonjizzjoni ta' drittijiet jew kundanni preventivi *'ad futurum'* – **"Camilleri vs Denaro"** - Vol X pagna 446. Is-soċjeta' attriċi f'dawn it-talbiet trid tkopri ruħha għall-ħlasijiet li eventwalment tkun soġġetta għalihom. Għalhekk hija (is-soċjeta' attriċi) ma tistax f'dan l-istadju, anke jekk ikollha raġun fil-mertu, tagħmel dawn it-talbiet."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Fogg Insurances Agencies Ltd. li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ghat-talbiet l-ohrajn, tvarjaha fis-sens illi tilqa' l-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet tal-appellanti fis-sentenza appellata, b'dan illi allura l-appellati eredi ta' Joseph Gabriel u l-appellat Jean Pierre Farrugia jigu kkundannati b'mod *in solidum* bejniethom sabiex jindennizzaw pienament lis-socjeta` appellanti ghall-ammonti kollha reklamati fil-proceduri fl-ismijiet Josephine Gabriel et vs Jean Pierre Farrugia et [Cit. Numru 1083/2002/JA], u dan bl-ispejjez kollha (salv dawk tal-intervenut fil-kawza illi ghandhom jibqaghu a

karigu tal-istess), u dawk tal-appell odjern a kargu tal-istess appellati."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-intervenut fil-kawza l-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurers' Bureau li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li, fl-ewwel lok, l-appell tas-socjeta` attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, u, fit-tieni lok, li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-26 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet fuq premessi billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, laqghet l-eccezzjonijiet tal-intervenuti fil-kawza (u tal-konvenuti fejn applikabbli), cahdet l-ewwel erba' talbiet attrici, illiberat lill-konvenut Jean Pierre Farrugia mill-osservanza tal-gudizzju ghar-rigward tas-sitt talba attrici, u tikkonfermaha wkoll ghar-rigward ta' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti dwar l-ispejjez tas-socjeta` attrici u tal-konvenuti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-kumplament taghha, u minflok tichad il-hames talba attrici, tichad is-sitt talba attrici hlief fil-konfront tal-konvenut Jean Pierre Farrugia u tordna li l-ispejjez tal-intervenuti fil-kawza jkunu wkoll a karigu tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez anki tal-proceduri tal-appell kontra s-socjeta` attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, salv ghall-aggravji mressqa mill-intervenuti fil-kawza Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurers' Bureau, ghal liema aggravji u sottomissjonijiet jirremettu ruhhom;

Rat ir-risposta tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Ltd. ghall-appell incidentali pprezentat mill-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u Motor Insurers' Bureau li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi,

issottomettiet li l-imsemmi appell incidentali ghandu jigi michud;

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi nomine ghar-risposta tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Ltd. ghall-appell incidentali prezentat mill-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u Motor Insurers’ Bureau li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma l-ewwel sentenza tas-26 ta’ Ottubru, 2009, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici nomine.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta li fit-3 ta’ Marzu, 2002, sehh incident bejn zewg vetturi li fih tilef hajtu Joseph Gabriel, li kien passiggier fil-karozza numru IAU-317, misjuqa minn Jean Pierre Farrugia. Il-karozza l-ohra involuta fl-incident kellha numru DAJ-392 u kienet misjuqa minn Clive Ellul sive Ellul Hawthorn. Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili b’sentenza tas-26 ta’ Ottubru, 2009 (Citazzjoni numru 1083/02), u li ghaddiet in gudikat, sabet li kien Jean Pierre Farrugia unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u kkundannatu jhallas lill-eredi ta’ Joseph Gabriel kumpens ta’ €55,815.49 in linea ta’ danni.

Il-karozza li kien qed isuq Jean Pierre Farrugia kienet assigurata mas-socjeta` attrici, u meta infethet il-kawza l-ohra marbuta mas-sejbien ta’ responsabbilita` ghall-incident, giet notifikata b’ittra ufficjali ai termini tal-Ordinanza ghall-Assigurazzjoni ta’ Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta’ Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta), u dan biex is-socjeta` assigurattrici taghmel tajjeb ghad-danni kollha li jistghu jigu likwidati f’dawk il-proceduri l-ohra.

B’dawn il-proceduri s-socjeta` assigurattrici qed tittenta twarrab l-obbligi taghha taht il-polza ta’ assikurazzjoni u

biex sahansitra tithassar u tigi annullata l-istess polza ta' assikurazzjoni mahruga minnha fuq il-vettura IAU-317. Dan qed tghid li tista' taghmlu peress illi (i) il-karozza ma kienetx tal-persuna assigurata, Josephine Gabriel, kif qalet li kienet, izda ta' certu Adel Aroub; (ii) il-polza ta' assikurazzjoni kienet tkopri incidenti jekk il-karozza tkun misjuqa biss minn Joseph Gabriel, waqt li dak inhar tal-incident kienet misjuqa minn Jean Pierre Farrugia, (iii) is-sewwieq Jean Pierre Farrugia kien xurban fil-mument li kien qed isuq il-vettura, u (iv) is-sewwieq lanqas kien ghalaq 25 sena u allura ma kienx awtorizzat isuq il-vettura.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, wara li cahdet l-eccezzjonijiet preliminari imressqa mill-konvenuti, cahdet l-ilmenti tas-socjeta` assigurattrici ghax osservat, fost affarijiet ohra, li l-lanjanzi jaqghu li jkunu eskluzi milli jitressqu bhala skuzanti a bazi tal-Artikolu 10 u 12 tal-imsemmi Kap. 104.

Kif intwera, is-socjeta` attrici assigurattrici appellat mis-sentenza u qed tissottometti li l-Kap. 104 imsemmi ma japplikax ghall-kaz ghax hawn non si tratta minn hsara lil terzi, izda ghall-hsara li garrab l-assigurat stess, is-sewwieq "awtorizzat" mill-polza li jsuq il-vettura, cioe`, il-mejjet Joseph Gabriel. Qed tissottometti wkoll illi la darba Josephine Gabriel, il-persuna li harget il-polza ta' assigurazzjoni fuq isem binha Joseph, aggixxiet hi stess bi ksur ta' kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni, (meta "ippermettiet" terz isuq il-vettura) ma tistax hi stess tigwadanja min-nuqqasijiet taghha stess. Jidher li s-socjeta` assiguratrici mhux qed tinsisti aktar fuq ic-cahda tar-responsabbilita` a bazi tal-kawzali li s-sewwieq tal-vettura ma kellux hamsa u ghoxrin sena u li kien xurban fil-mument tal-incident – skuzanti eskluzi bl-Artikolu 12(1)(a) u (j) tal-imsemmi Kap. 104.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti ma tistax taccetta l-istess u, anzi, taqbel mal-posizzjoni tal-konvenuti. Il-mejjet Joseph Gabriel ma hux l-assigurat, izda kien biss l-"authorised driver". Joseph Gabriel ma kienx parti fuq il-kuntratt ta' assigurazzjoni u, ghalhekk, ma kien hemm

ebda rabta kontrattwali bejnu u bejn is-socjeta` attrici. Huwa kien il-vittma jew it-*third party* ghall-fini tal-polza ta' assigurazzjoni, u mhux il-persuna l-ohra kontrattwali. Il-kuntratt in kwistjoni jista' jitqies bhala kuntatt bejn tnejn min-nies a beneficcju ta' terz, kuntratt permess fil-ligi, u fejn it-terz beneficcjarju huwa Joseph Gabriel.

Apparti minn dan, l-Artikolu 4(1) tal-imsemmi Kap. 104, jobbliga ghall-hrug ta' polza ta' assigurazzjoni li tkun tkopri "(a) kull responsabbilita` civili … li tista' torigina mill-mewt jew mill-feriment ta' xi persuna, inkluzi l-passiggieri kollha (li ma jkunux id-drajver) jew hsara fil-proprjeta` kagunata mill-vettura bil-mutur f'Malta".

F'dan il-kaz, Joseph Gabriel kien "*persuna*", anzi "*passiggier*" li miet f'incident "*kagunata mill-vettura bil-mutur f'Malta*", u kwindi kienet persuna koperta bil-polza in kwistjoni. Ta' min isemmi wkoll il-principju riprodott fil-klawsola 12(4) tal-imsemmi Kap. 104 li jghid li:
"(4) Kull klawzola li jkun fiha l-polza tal-assigurazzjoni li teskludi lill-membri tal-familja tal-persuna assigurata, lil xi drajver jew xi persuna ohra li tinkorri responsabbilita` civili, u li responsabbilita` taghha tkun koperta b'polza tal-assigurazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 4(1), mill-assigurazzjoni dwar il-ferimenti taghhom fil-persuna minhabba f'dik ir-relazzjoni, tkun invalida."

L-Artikolu 12(1) tal-Kap. 104 jghid li r-responsabbilita` tal-assiguratur skont l-Artikolu 4(1) tal-istess ligi ma tistax tigi mwarrba minhabba xi kundizzjoni bhal dawk elenkati fil-paragrafi (a) sa (j) tal-istess sub-artikolu, izda l-assiguratur jista' jdur kontra l-persuna "koperta bil-polza" – is-sewwieq – ghar-reimbors tad-danni mhallsa.

L-iskop tal-ligi hu biex tkopri kontra kwalukwe hsara kkagunata minn driver ta' karozza, li tkopri kull persuna li jkollha f'idejha l-i*steering wheel* ta' vettura bil-mutur, u kull persuna inkarigata mis-sewqan tal-vettura. Huwa dan, cioe` d-driver, li hu kopert bil-polza ta' assigurazzjoni, anke jekk ikun qed isuq il-vettura kontra xi kundizzjoni fil-polza. Jekk din il-persuna tkun responsabbli civilment ghall-mewt ta' persuna ohra, inkluz il-passiggieri kollha,

allura l-assigurazzjoni trid taghmel tajjeb ghall-hsara, salv id-dritt taghha ta’ revalsa *si et quatenus*.

Bit-tieni aggravju, is-socjeta` assigurattrici tghid li jekk l-ewwel aggravju taghha jigi michud, mill-ammont dovut ghandu jonqos is-sehem dovut lill-konvenuta Josephine Gabriel (li hija wahda mill-eredi) stante li din kisret kundizzjoni tal-polza meta halliet li l-vettura tinstaq minn persuna, Jean Pierre Farrugia, li ma kienx awtorizzat isuqha taht il-polza.

Mill-provi, pero`, ma jirrizultax li Jospehine Gabriel kisret xi kundizzjoni tal-polza f’dan is-sens. Li jirrizulta mill-provi, anzi, hu li din Josephine Gabriel <u>ma kinitx taf</u> li l-vettura kienet ser tinstaq minn Jean Pierre Farrugia. L-imsemmija Josephine Gabriel ma tistax tinstab responsabbli ghall-ghemil ta’ haddiehor. Il-karozza kienet f’idejn “authorised driver” u kien dan, f’decizjoni tal-mument, li halla lil Jean Pierre Farrugia jiehu *over* is-sewqan. Dan ma sarx bil-konoxxenza tal-assigurata, u kwindi mhux applikabbli ghall-kaz il-principju enuncjat fil-kawza **Middlesea Insurance plc v. Mabrouk et**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Frar, 2008, li kien kaz fejn l-assigurat ma hax hsieb u naqas milli jara li l-kundizzjonijiet tal-polza jkunu rispettati. L-assigurata Josephine Gabriel, f’din il-kawza xehdet li hi ma kellha ebda idea li Jean Pierre Farrugia kien se jsuq il-vettura in kwistjoni, u la saret prova li tikkontradixxi din l-istqarrija, u lanqas ma ntwera li hi messha jew setghet tkun taf, fejn, allura, il-konkluzjoni kienet tkun differenti.

Fir-rigward tat-tielet aggravju tas-socjeta` attrici, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-intervenuti, li r-radd lura tal-hlas jista’ jintalab <u>wara</u> li jsir il-hlas mis-socjeta` assigurattrici, u mhux preventivament. Ghalkemm, il-kawza l-ohra, dwar responsabbilita`, giet issa deciza, il-principju jibqa’ illi huwa biss il-hlas da parti tas-socjeta` attrici li jista’ jaghti lok ghal dritt ta’ azzjoni ghar-rimbors. Dan, s’issa, jidher li ma sarx.

Il-Fond intervenut fil-kawza ressaq appell incidentali li fih ressaq zewg aggravji.

Bl-ewwel aggravju, jghid li, fil-konfront tieghu, l-ewwel Qorti kellha tichad il-hames u s-sitt talbiet attrici, u mhux semplicement tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. Din il-Qorti, fl-ewwel lok, tosserva li dan l-appell incidentali sar biss mill-Fond intervenut, u kwindi fejn qed tintalab bidla fis-sentenza anki fil-konfront tal-konvenuti, din il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni tieghu. Fil-kuntest tal-meritu tal-aggravju, din il-Qorti taqbel li l-hames u s-sitt talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-Fond intervenut, peress li, kif inghad fis-sentenza, dawn it-talbiet, dejjem fil-konfront tal-Fond intervenut u appellant incidentalment, m'humiex misthoqqa u ghadhom jigu michuda.

Bit-tieni aggravju, il-Fond intervenut jghid li ma kellux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tieghu, peress illi kien minhabba l-posizzjoni zbaljata li hadet is-socjeta` attrici vis-à-vis l-eredi tal-vittma li hi kellha tintervjeni fil-kawza. Din il-Qorti ma tikkondivix dan il-hsieb peress li l-legittimi kontradutturi tal-azzjoni attrici kienu l-assigurata, u, forsi, is-sewwieq u l-eredi tal-vittma; il-Fond intervjena biex jiddefendi u jikkawtela l-interessi eventwali tieghu f'kaz ta' ezitu favorevoli ghat-terzi attrici f'din il-kawza, u kwindi ghamlet sew l-ewwel Qorti li ordnatlu jbati l-ispejjez tieghu stess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell incidentali tal-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurers' Bureau billi tilqghu biss in parte, u dan billi tichad it-tieni aggravju, izda tilqa' l-ewwel aggravju u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti, fis-sens li tikkonfermaha, <u>hlief biss</u> li, fil-konfront tal-Fond appellanti incidentalment <u>biss</u>, qed tichad il-hames u s-sitt talbiet attrici (flok li tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju); is-sentenza hi konfermata ghall-bqija.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' din it-tieni istanza,

ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------